
27
MADONNA TA' PINU

# MADONNA TA' PINU

perjodiku ta' kull xahrejn

VOL II — SENA VII — NRU. 27

JANNAR - FRAR 1986


Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.


*Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:*

L-Editur,
"Madonna ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu, Għawdex.
Numru tat-Telefon: 556187.


**Abbonament għal sena:**

Lokali: 75ċ.
Sostenitur: Lm1.

Barra minn Malta: Lm1
Sostenitur: Lm2.


* Il-Kelma tar-Rettur 281

* Innoloġija Marjana 282

* Il-Marjoloġista San Lwiġi Marija de Montfort 284

* The Apparitions at Lourdes 287

* L-Awtentiċità tad-Devozzjoni lejn il-Madonna fid-Dawl tat-Tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II 288

* Hail Mary 291

* Il-Mara mlibbsa bix-xemx u l-qamar taħt riġlejha 292

* Fil-Wied tal-Qasab 298

* Fl-Ave Maria 301

* Mill-Ħajja tas-Santwarju 302

* Grazzi Madonna Għax Smajtni 303


**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex bl-interċessjoni ta' Marija Sultana tal-Paċi, matul din is-Sena Internazzjonali tal-Paċi, is-sliem veru jsaltan fi qlub dawk il-bnedmin li qed ibatu minħabba l-ġuħ, il-mard, id-diskriminazzjoni, l-inġustizzji u tiġrib ieħor.

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-istampa tal-Qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna Ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fl-1935.


*"Gozo Press", Tel. 551534.*

# Il-Kelma tar-Rettur



*Ħafna huma l-pajjiżi kbar u wisq aktar għonja minn pajjiżna jekk bil-kelma "kobor" aħna nfissru biss dak li huwa spazju u bil-kelma "għana" nifhmu biss ġid materjali u riżorsi naturali. Però aħna nafu li hemm valuri oħra li jagħmlu pajjiż aktar kbir u aktar għani minn pajjiż ieħor, u dawn huma t-teżori li nsibu mhux f'qiegħ l-art jew fil-palazzi li jista' jkun hemm f'xi pajjiż partikulari, imma huma l-valuri spiritwali li jinsabu fil-moħħ u fil-qalb tal-poplu, li wara kollox huwa r-ruħ tal-pajjiż.*

*X'jiswa li jkollok art sinjura jekk l-art mhix abitata jew inkella fiha jgħixu nies ta' bla ebda edukazzjoni jew kultura jew inkella nies slavaġ u bla ebda twemmin.*

*Forsi ma nkunux niżbaljaw jekk ngħidu li artna mhix għanja fir-riżorsi naturali imma naħseb li ma nkunux bogħod mill-verità jekk ngħidu li pajjiżna huwa sinjur f'dawk li huma valuri spiritwali. Ta' dan għandna għax nirringrazzjaw lil Alla.*

*Alla ħabb lill-poplu Malti l-ewwelnett għax żejnu b'qalb tajba u li taf tħobb u tħenn. Ta' dan għandna xhieda fl-Iskrittura (Atti Kap. 28) meta missirijietna laqgħu fosthom lill-Appostlu Pawlu u lil sħabu meta ħelsu mill-għarqa; imma l-aktar li ħabbu kien meta permezz tal-istess Appostlu dawwal lil ġensna bil-Fidi nisranija. Għalhekk ta' kull sena, fix-xahar ta' Frar, aħna nfakkru b'solennità din il-ġrajja glorjuża.*

*Ir-rigal tal-Fidi – l-aqwa fost id-doni spiritwali li bihom huwa mżejjen il-poplu tagħna – ta l-identità lil pajjiżna. Il-Fidi Kattolika ħalliet il-marka tagħha mhux biss fil-moħħ u l-qalb tal-poplu, imma f'dak kollu li minn elfejn sena 'l hawn kien jistħoqqlu jissejjaħ Malti.*

*Jalla l-Madonna li bil-Fidi nisslet fiha l-Iben t'Alla, tgħin lilna lkoll biex il-Fidi li għaddewlna missirijietna nħalluha tnissel fina s-sentimenti ta' Kristu Binha: il-ħniena, il-mogħdrija, il-maħfra, il-vera karità. Dawn huma l-aqwa valuri li għandna nkomplu nkabbru fostna, dawn huma l-aqwa valuri li bihom għandna niftaħru.*

# INNOLOĠIJA MARJANA

*Mill-*
Eċċ. T. Mons.
Isqof N. Cauchi

# (7) L-INNU AKATHISTOS

Ma nistgħux intemmu dan it-tagħrif dwar l-innoloġija bizantina, mingħajr ma nsemmu l-Innu Akathistos, li għalih il-magħruf Marjologu Patri Ermanno M. Toniolo O.S.M. igħid li huwa "kapolavur tal-letteratura u tat-teoloġija, espressjoni l-iktar għolja ta' kontemplazzjoni u ta' tifħir fil-qima lejn l-Omm Verġni." Jissejjaħ hekk, għaliex fir-rit griek, jiġi kantat bil-wieqfa, kif inkantaw it-"Te Deum" fir-rit latin; il-kelma "a-katisthos" tfisser "mhux bil-qegħda".

F'dan l-innu, jintisġu flimkien b'mod tal-għaġeb, is-sura liturġika, it-tagħlim dommatiku u d-devozzjoni tal-poplu. Bir-raġun ġie msejjaħ "l-innu marjan l-iktar sabiħ, l-iktar profond u l-iktar antik fil-letteratura nisranija kollha kemm hi." (Michael O'Carrol C.S.Sp. "Theotokos" p. 8). Huwa xhieda ħajja tal-qima u tal-imħabba ħerqana li l-insara orjentali tal-imgħoddi u ta' llum għandhom lejn il-Madonna.

## Data u awtur ta' dan l-innu

Għad li matul il-kors taż-żminijiet, xi partijiet ta' dan l-innu ġew mibdula jew miżjuda, iżda fil-qofol tiegħu huwa antik ħafna. Ħadd ma jaf eżatt meta nstema' għall-ewwel darba. Aktarx li kien fil-ħames jew fis-sitt seklu wara Kristu.

Nistgħu ngħidu wkoll li mhux magħruf min kien jew min kienu dawk li kitbu dan l-innu, għad li ġew imsemmijin diversi persuni li setgħu kienu l-awturi tiegħu. Fil-Patroloġija Griega, jidher taħt l-isem ta' Ġorġ ta' Pisidja, li kiteb poeżija dwar l-opra tal-ħolqien u dwar ġrajjiet storiċi bħal ma hija r-rebħa fuq il-persjani li ġrat fis-sena 627. Iżda l-innu Akathistos huwa wisq eqdem minn dan il-kittieb li kien igħix fil-bidu tas-seklu sebgħa, fi żmien l-Imperatur Erakliju (610-641) u fi żmien il-Patrijarka Serġju (610-638). Għall-istess raġuni l-anqas huwa aċċettabbli l-isem ta' San Ġerman, Isqof ta' Kostantinopli (c634-c733) għad li fil-verżjonijiet latini, bħal ma huwa l-manuskritt ta' St. Gall tad-disa' seklu, jidher taħt dak l-isem. Ta' min jeskludi wkoll lil Serġju li kien patrijarka ta' Kostantinopli matul l-assedju tas-sena 626, għad li l-innu huwa ddedikat lit-Theotokos għall-ħarsien tagħha u talli ħelset dik il-belt mill-perikli tal-assedju. Però din id-dedikazzjoni ġiet miżjuda ħafna żmien wara li nkiteb dan l-innu. Għal żmien twil, l-istudjużi kienu jattribwixxu dan l-innu lil San Romanos l-Għannej, iżda llum, din l-opinjoni, ħadd ma jiddefendiha u l-Akathistos qatt ma jiġi nkluż flimkien mal-għanjiet l-oħra ta' dan il-poeta.

## X'fih l-Akathistos?

Dan l-innu jiġbor fih l-istorja tat-tfulija ta' Kristu, mit-tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija sal-preżentazzjoni tal-Mulej fit-tempju, iżda ma jsemmix is-sehem li kellha l-Madonna fit-tbatija u fil-mewt ta' Kristu. Il-għejjun ta' dan l-innu huma l-Iskrittura Mqaddsa, speċjalment l-Evanġelju, u t-teoloġija tas-Santi Padri tar-raba' u tal-ħames seklu. Nistgħu ngħidu li l-qofol ta' dan l-innu huwa dak li ġie pproklamat fil-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431, jiġifieri s-sehem ta' Marija fil-misteru tal-Verb t'Alla li sar bniedem. Ġrajja waħda biss mill-Akathistos hija meħuda mill-kitbiet apokrifi, u din tirrakkonta dak li ġara matul il-ħarba fl-Fġittu tas-Sagra Familja, kif tinsab fil-ktieb tal-Psewdo-Mattew 22-24.

It-tagħlim li hemm f'dan l-innu huwa tagħlim sod u 'l bogħod minn kull taħlit ta' ereżiji. Fih hemm enfasi speċjalment fuq tliet punti fundamentali tal-Marjoloġija: il-maternità divina tal-Madonna, il-Verġinità tagħha u l-qawwa tat-talb tagħha favur l-insara.

**Il-forma tal-Akathistos**

Huwa magħmul minn erbgħa u għoxrin (24) strofa, daqs kemm fih ittri l-alfabett grieg, kull strofa tibda bl-ittra li tkun tmiss. L-innu fih żewġ taqsimiet ta' tnax-il strofa kull waħda. L-ewwel tnax-il strofa jifformaw it-taqsima storika, cioè dik li tirrakkonta l-ġrajjiet tat-twelid u tat-tfulija ta' Kristu, li fihom għandha parti hekk importanti l-Madonna. It-tieni taqsima (mit-13 sal-24 strofa) hija t-taqsima dottrinali li fiha jissemmew id-dommi marjani tal-maternità u tal-verġinità tagħha. Mal-istrofi li semmejna, jintisġu wkoll dawk li jissejħu "**Kairetismoi**" li huma akklamazzjonijiet marjani mill-isbaħ, b'metafori u tixbihat li għandhom xi rabta mal-episodju li jkun ġie rrakkontat. Hekk per eżempju, meta tissemma l-ġrajja tal-maġi li ġew mil-Lvant biex jaduraw lil Kristu tarbija, f'dawk l-akklamazzjonijiet hemm riferenzi għall-kwiekeb, l-għerf u t-twemmin tal-pagani. Bir-ripetizzjoni tal-kelma "**Allelujah**" jew "**Ifraħ**", il-versi tal-Akathistos jesprimu l-ferħ, it-tifħir u r-radd il-ħajr għall-Misteru kbir tal-Inkarnazzjoni li twettaq fi ħdan Marija Verġni.

**L-użu liturġiku ta' dan l-innu**

Ħafna mill-insara orjentali jafu l-Akathistos bl-amment u jirreċitawh ta' spiss, kif aħna nirreċitaw ir-Rużarju. Iżda dan l-innu għandu post ta' ġieh anke fil-Liturġija bizantina. il-ġurnata proprja tiegħu li fiha jiġi kantat bl-akbar solennità bil-parteċipazzjoni tal-poplu hija l-ħames sibt tar-Randan. Dak inhar issir ċerimonja kommoventi li fiha l-insara juru entużjażmu kbir. Ix-xbiha tal-Madonna, imdawra bix-xemgħa u bil-fjuri, tiġi mqegħda f'post ċentrali fil-knisja u l-insara jersqu wara xulxin biex ibusuha. Il-kleru jkanta l-misteri jew stasi u l-poplu jwieġeb bil-kant tal-akklamazzjonijiet u tal-Allelujah.

Dan l-innu jiġi reċitat ukoll fl-ewwel erba' ġimgħat tar-Randan u fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' radd il-ħajr. Dan l-innu ittraduċewh f'diversi lingwi u f'ħafna minnhom inkitbet ukoll il-mużika għalih.

It-traduzzjoni bil-Malti tal-Akathistos dehret fi "Il-Leħen is-Sewwa" fix-xahar ta' Awissu, 1981. Se nagħtu hawnhekk l-aħħar żewġ strofi ta' dan l-innu:



**Il-Madonna tat-Tempesta fil-knisja ta' S. Maria Nuova, Tolentino**
*(Statwa tal-Injam stil Bizantin).*

23. Tal-ħolqien jidwu l-għanjiet
Biex ifaħħru t-tempju t'Alla
Tron ta' Kristu, fil-Milied.
Meta s-Sid ħatrek għalih
Ħdanek għażel bħal għamartu,
Ja Sultana;
Bil-qdusija mliek, bil-ġieh,
U għallimna nħobbuk, bħalu:
Ave, għarix tal-Verb t'Alla;

*ikompli f'paġna 290*

# Il-Marjoloġista San Lwiġi Marija de Montfort

## *fundatur ta' skola ġdida ta' spiritwalità*

*Kitba ta'* **JOSEPHINE FORMOSA**

Lwiġi Grignon twieled f'Montfort, belt żgħira fil-Britannja, fil-31 ta' Jannar, 1673. Missieru, Jean-Baptiste Grignon kien avukat; kien ġej minn familja tajba; kien daqsxejn nervuż. Il-fatt li qatt ma seta' jlaħħaq finanzjarjament mad-disat itfal li rabba, għax oħrajn mietu żgħar, ma kenitx tgħinu jikkalma wisq. L-omm, Jeanne Roberte, kienet ġejja minn familja fejn kellha 3 minn ħutha saċerdoti. Kienet mara miġbura, tħobb ħafna lill-familja u ta' paċenzja kbira. Lwiġi kien il-kbir fost ħutu; 3 minn ħutu subien ukoll laħqu saċerdoti u 2 ħutu bniet ħaddnu wkoll il-ħajja reliġjuża.

F'ħajtu, Lwiġi ppriedka ħafna missjonijiet f'diversi djoċesijiet ta' Franza, kien ħabib kbir tal-foqra, waqqaf żewġ familji reliġjużi; il-Kumpanija ta' Marija u s-Sorijiet Ulied il-Għerf Divin. L-ispirtu ta' dan il-qaddis għadu jgħix ukoll fil-Leġjun ta' Marija għalkemm ma kienx direttament responsabbli tagħha hu. Eluf ta' nies kienu jiġru wara dan il-qaddis għall-pariri u d-direzzjoni spiritwali tiegħu. Kienu jsibuh bħala "il-qassis twajjeb ta' Montfort".

Mill-ħajja tiegħu jidhru ċari l-virtujiet li żejnu lil ruħu: kien attiv, kellu fidi safja ta' tarbija,fiduċja sħiħa, karità bla tarf, umiltà profonda, sens ta' mortifikazzjoni universali, kuraġġ erojku, paċenzja bla tieqaf, purità bla qatt imtebba' jew ittentata, rabta sħiħa mar-Rieda t'Alla, abbandun totali fil-Providenza Divina.

Minn dan il-ġmiel ta' ruħu ħarġu żewġ imħabbiet sublimi li kienu janimawh. L-ewwel l-Imqaddsa Verġni Marija u t-tieni l-imħabba lejn l-Għerf Divin u allura bl-implikazzjoni ta' l-imħabba tas-Salib. L-imħabba lejn Marija ikkaratterizzat l-ewwel snin ta' tfulitu u kompliet tikber miegħu. Fost id-devozzjonijiet tiegħu kienet tokkupa l-ewwel post u tant rabbiet 'l isfel egħruqha f'qalbu li la seta' jitħarrek u lanqas jaġixxi jekk mhux biha u għaliha. Barra santwarji f'ġieħha, kiteb kotba dwarha, ikkompona innijiet biex ifaħħarha, u qatt ma kien igħejja jxandar il-kobor u l-ħniena tagħha fil-priedki tiegħu. Hu ntrabat li jkun l-ilsir tagħha, u l-"jasar imqaddes", id-devozzjoni speċjali lejha, kienet l-ideja dominanti ta' l-apostolat tiegħu. Din għallimha kullimkien u dejjem, fil-pubbliku u fil-privat, fil-konfessjonarju u fuq il-pulptu, lil nies ta' kull grad soċjali u ta' kull livell spiritwali. Ukoll qatt ma kien jixba' jferrex id-devozzjoni li hi għal qalb Marija, ir-Rużarju, biex permezz tal-qawwa tiegħu, aktar nies isiru jafuha u jħobbuha u jaqduha b'mod perfett.

Il-Madonna wasslitu lil San Lwiġi Grignon, kif tagħmel dejjem, għand Binha, l-Għerf Etern, il-Kelma magħmula bniedem, u għand is-Salib Tiegħu li, bħal San Pawl, ra fil-bluha tiegħu l-manifestazzjoni sublimi tal-għerf t'Alla. Bla waqfien kien jippriedka s-Salib kontra l-għerf falz tad-dinja u s-senswalità ta' żmienu u xejn ma sab aktar ħelu minnu f'ħajtu stess "għax is-Salib qatt m'hu mingħajr Kristu, u Kristu qatt m'hu mingħajr is-Salib". Meta kienu jippersegwitawh, jikkalunjawh, jumiljawh, kien jibqa' jifraħ; għax fejn ma

kienx ikun hemm is-Salib ma kienx isib il-ferħ.

## IL-VERA DEVOZZJONI LEJN MARIJA

Fl-1712 kiteb l-isbaħ u l-itwal biċċa xogħol letterarju. Dan il-ktieb iħabbatha ma' kitbiet spiritwali li jeżerċitaw l-akbar influwenza fuq l-erwieħ u hu wkoll wieħed mill-aktar kotba li jolqtok għall-ħeġġa u x-xeħta tiegħu ta' kważi inspirazzjoni li tagħtih togħma distintiva u seħer mhux komuni li, aktar ma taqrah, aktar tħossu.

L-awtur jibda bil-ħsieb tal-parti tal-Madonna fil-pjan Divin tal-Fidwa, u allura s-sehem tagħha filli ssaltan fuq kull ruħ; u minn hawn juri l-ħtieġa tad-devozzjoni vera lejha u jkompli jiddeskrivi u jiġġustifika dik li hu jikkunsidra bħala l-aħjar devozzjoni. Din id-devozzjoni perfetta tissejjaħ L-ISKJAVITÙ MQADDES. Din l-ideja ma kenitx oriġinali, però fejn qabel kienet meqjusa biss bħala aċċessorja għall-ħajja spiritwali, il-qassis ta' Montfort qiesha l-punt ċentrali tas-sistema spiritwali kollha tiegħu. Din tikkonsisti filli wieħed jikkonsagra ġismu u ruħu bil-fakultajiet kollha tagħhom lil Marija jew aħjar lil Ġesù Għerf Etern, permezz tal-medjazzjoni tagħha u mbagħad igħix f'dipendenza sħiħa minnha u lejali lejha fuq l-eżempju ta' Ġesù fid-dar ta' Nazaret. L-intervent ta' Marija fl-affarijiet tar-ruħ m'huwiex xi ħaġa li ngħaddu kieku mingħajru jew hu ta' darba, iżda huwa funzjoni konstanti u meħtieġ; jinfluwenza kull ċaqliqa tar-ruħ u jmexxiha lejn il-għan ewlieni, dak l-akkwist ta' l-Għerf Divin, unjoni hawn fuq din l-art u wara mewtna ma' Ġesù, l-Iben ta' Alla. Għalhekk San Lwiġi ta' Montfort sar magħruf bħala fundatur ta' skola ġdida ta' spiritwalità.

Bit-tama li b'dan l-artiklu aktar qarrejja jaddottaw din id-devozzjoni vera lejn Marija, nispjegaw ftit aktar.

Tajjeb li niftakru li l-qaddis ma kienx jippretendi li l-Iskjavitù Mqaddes hu l-unika forma ġenwina ta' devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka; imma hu wkoll xandar li hi l-aħjar devozzjoni u l-unika waħda li turi sewwa l-pożizzjoni tagħna f'relazzjoni ma' Marija, u turi l-uffiċji tagħha bħala Omm Sultana u Medjatriċi f'dak li għandu x'jaqsam magħna.

## KONSAGRAZZJONI TOTALI

Il-prattika tad-Devozzjoni Vera titlob l-ewwel konsagrazzjoni sħiħa lil Ġesù, l-Għerf Inkarnat, permezz ta' Marija, b'tali mod li ssir kollok ta' Ġesù permezz tagħha. Il-kelmiet tal-konsagrazzjoni ifformulati mill-qaddis stess u ndirizzati lill-Madonna huma: "Jien nagħti u nikkonsagra lilek, bħala lsir tiegħek, ġismi u ruħi, il-ġid tiegħi sew interjuri kemm dak esterjuri, u l-valuri ta' l-azzjonijiet tajba tiegħi...inħalli f'idejk id-dritt sħiħ biex tiddisponi minni u minn dak kollu li għandi kif jogħġob lilek għall-ikbar glorja t'Alla...."

B'dan l-att tal-konsagrazzjoni nagħtu lil Marija lilna nfusna kollha kemm aħna, bil-membri ta' ġisimna, bis-sensi tagħna, dak kollu li nippossiedu, fakultajiet u kwalitajiet; kollox barra l-merti li ma jistgħux jingħataw, iżda wkoll inqegħduhom taħt il-ħarsien tagħha biex insibuhom fl-aħħar ta' ħajjitna. Xejn ma jibqa' tagħna u hekk nirrendu ruħna f'kundizzjoni ta' lsir b'ebda dritt fuq is-sid tiegħu. Peress li din l-iskjavitù ssir b'mod volontarju nsejħulha l-Iskjavitu Mqaddes jew l-Iskjavitù ta' l-Imħabba.

Sewwa li din il-konsagrazzjoni ssir wara t-tqarbin f'xi festa tal-Madonna, u San Lwiġi jirrikmanda 30 jum ta' preparazzjoni għal dan il-pass. F'dan iż-żmien wieħed jipprova jinħeles mill-ispirtu tad-dinja u jakkwista għarfien fuqu nnifsu, fuq Ġesù u fuq Marija. Metodu ta' preparazzjoni nsibuh fil-Manwal li jismu: "Is-Saltna ta' Ġesù permezz ta' Marija". Il-konsagrazzjoni tibqa' tgħodd sakemm dak li jkun, għax irid hu, jirrevokaha. Ma torbotx taħt piena tad-dnub u kull bniedem, ikollu liema stat ta' ħajja jkollu, jista' jaddóttaha; jiġifieri b'ebda mod ma tfixkel dmirijiet ta' l-istat jew tfixkilna milli nitolbu għalina nfusna jew għal ħaddieħor.

## KOLLOX PERMEZZ TA' MARIJA

It-tieni pass huwa li, wara li tkun għamilt l-Att ta' Konsagrazzjoni, tabilħaqq tibda tissejjaħ "ilsir" ta' Marija, però din il-Konsagrazzjoni titlob minnek stat ta' ħajja. Tibda tgħix skond l-ispirtu tal-Konsagrazzjoni f'dipendenza sħiħa mar-rieda ta' Marija kif kien ubidjenti lejha

Ġesù f'Nazaret. Fil-prattika nagħmlu l-azzjonijiet kollha tagħna "b'Marija, ma' Marija, f'Marija u għal Marija".

Dan ifisser li nħallu lil Marija tiggwidana fl-għażla tal-kors ta' l-azzjonijiet tagħna; inżommuha mudell tagħna u naġixxu f'għaqda magħha. Inkunu doċli lejha fl-azzjonijiet tagħha fir-ruħ tagħna, nirrikorru lejha u nagħmlu użu tajjeb mill-grazzji li taqlagħlna.

Il-qaddis ta' Montfort ifehemna li, kif kejk jieħu l-forma tal-landa li tqegħdu fiha, hekk inħallu lil Marija tkun il-forma tagħna; meta ningħataw lil Marija b'imħabbitna u bis-sottomissjoni tagħna lejha, Hi tkun il-forma tagħna li tifformana fix-xebh ta' Ġesù. Per konsegwenza tal-konsagrazzjoni tagħna, nagħmlu kollox għal Marija u ningħataw kollna kemm aħna għas-servizz tagħha.

Tkun ta' għajnuna kbira biex ngħixu dil-konsagrazzjoni li nirrepetu ta' spiss matul il-ġurnata xi ġakulatorja bħal: "Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi, u kulma għandi hu tiegħek". (Ninnotaw li dal-ħsieb hu l-motto personali tal-Papa preżenti). Għall-ewwel trid tagħmel sforz biex tiftakar tgħidha, iżda mbagħad issir parti minn ħajtek. Ukoll il-qaddis San Lwiġi jirrikmanda biex l-att ta' konsagrazzjoni jiġi mġedded kull sena.

## VANTAĠĠI

Din id-devozzjoni mhix restritta għal dawk li laħqu xi grad ta' qdusija iżda għal kull Kattoliku li jixtieq jitqaddes. Mhux ta' min jaqta' qalbu jekk wieħed jara li mhux qed jirnexxielu jipprattikaha kif imiss. F'kull grad li wieħed ikun jinstab jipprattikaha, għandu jsib dawn il-vantaġġi:

1. Din id-devozzjoni hi l-aħjar forma ta' tiġdid sħiħ tal-wegħdiet tal-Magħmudija;

2. Hi mod eċċellenti ta' mħabba lejn għajrna peress li nagħtu lil Marija l-awtorità li tiddisponi hi mit-talb u l-valuri spiritwali tagħna.

3. Tiżguralna l-protezzjoni speċjali ta' Marija, billi nkunu sirna proprjetà tagħha; żgur li tiddefendina kontra kull għadu;



4. Tiżguralna li l-azzjonijiet tagħna nagħmluhom b'intenzjoni retta;

5. Tirrendilna l-azzjonijiet tagħna b'mod l-aktar meritorju għax, billi jgħaddu minn idejha, issaffihomlna u żżejjinhomlna;

6. Tassiguralna ħlas tajjeb għax żgur li Ġesù u Marija ma jħallu lil ħadd igħaddihom fil-ġenerożità;

7. Tipprovdilhom triq ħafifa, qasira, żgura u perfetta għall-qdusija. Marija tista' biss tmexxina għal għand Ġesù; hekk immorru għand Ġesù kif Hu ġie għandna permezzz tagħha.

# The Apparitions at Lourdes



*Excerpt from a letter of St. Mary Bernardette Soubirous*

One day when I had gone with the two girls to collect wood by the banks of the river Gave, I heard a sound. I turned toward the meadow and saw that the trees were not moving at all. I looked up and saw a grotto. And I saw a Lady wearing a white dress with a blue sash. On each foot she had a yellow rose; her rosary was the same colour.

When I saw her, I rubbed my eyes. I thought I must be mistaken. I put my hands in my pocket, where I kept my rosary. I wanted to make the sign of the cross, but I could not lift my hand to my forehead; it fell back. Then the Lady crossed herself. I again tried, and although my hand was trembling, I was eventually able to make the sign of the cross. I began to say my rosary. The Lady slipped the beads of her rosary through her fingers, but she did not move her lips. When I finished the rosary, she immediately disappeared.

I asked the two girls if they had seen anything. They said, 'No', and asked what I had to tell them. I told them that I had seen a Lady wearing a white dress but that I did not know who she was. But I warned them to keep silent about it. Then they urged me not to go back there, but I refused. I went back on Sunday, feeling drawn by an inner force.

The Lady spoke to me a third time and asked me if I was willing to come to her over a period of a fortnight. I replied that I was. She added that I must tell the priests to have a chapel built there. Then she told me to drink at the spring. Not seeing any spring I was going to drink from the Gave. She told me that she did not mean that, and pointed with her finger to the spring. When I went there I saw only a little dirty water. I put my hand in it, but I could not get hold of any. I scratched, and at last a little water came for drinking. Three times I threw it away; the fourth time I was able to drink it. Then the vision disappeared, and I went away.

I went back there for fifteen days, and each day the Lady appeared to me, with the exception of a Monday and a Friday. She reminded me again to tell the priests to built the chapel, asked me to wash in the spring, and to pray for the conversion of sinners. I asked her several times who she was, but she gently smiled at me. Finally, she held her arms outstretched and raised her eyes to heaven and told me that she was the Immaculate Conception.

During that fortnight she also revealed three secrets to me, and forbade me to disclose them to anyone. I have kept them faithfully to this day.

# L-Awtentiċità tad-Devozzjoni lejn il-Madonna fid-Dawl tat-Tagħlim tal-Papa Ġwanni Pawlu II

MONS. CARMELO SCICLUNA

L-awtentiċità titlob l-onestà u s-sinċerità mill-bniedem. Hekk, pereżempju, ma nistgħux ngħidu li dokument hu awtentiku jekk kemm-il darba xi id adultera iffalsifikatu f'xi kliem tiegħu. L-awtentiċità titlob ukoll mill-bniedem li jgħix u jqiegħed fil-prattika dak li jemmen fih. Hekk, pereżempju, ma nistgħux ngħidu li aħna segwaċi awtentiċi tal-Vanġelu ta' Kristu jekk aħna ma nippruvawx ngħixu t-tagħlim tiegħu. Dawn il-prinċipji nistgħu napplikawhom għad-devozzjoni tagħna lejn il-Verġni Mbierka Marija. Id-devozzjoni tagħna marjana ma tistax tkun awtentika jekk kemm-il darba hija adulterata għax mhix inkwadrata fit-tagħlim tal-Maġisteru tal-Knisja jew jekk kemm-il darba din id-devozzjoni tagħna marjana tibqa' fuq livell teoretiku: ngħidu 'iva' bil-fomm li nħobbu lill-Madonna, imma xħin niġu għall-prattika mhux lesti li nwettqu dak li titlob minna din id-devozzjoni.

## XHIEDA NISRANIJA

L-Ingliżi jgħidu li **'Actions speak louder than words'** u dan ifisser li ma nistgħux nissejħu tabilħaqq veri devoti tal-Madonna jekk aħna ma nagħtux xhieda ta' ħajja nisranija f'kull okkażjoni li fiha nkunu ninsabu. Kellu raġun Shakespeare jistqarr fil-kummiedja tiegħu 'Il-Merkanti ta' Venezja', li kieku l-bnedmin iwettqu dak li jgħidu bil-fomm, kieku l-kappelli li hawn fid-dinja huma l-akbar Katidrali li jeżistu fuq din l-art u d-djar l-aktar foqra huma l-aqwa palazzi li fihom igħixu s-slaten tad-dinja. Fid-dawl ta' dan il-prinċipju xejkspirjan aħna naslu għall-konklużjoni li kieku dawk kollha li fi gżiritna jippużaw ta' devoti tal-Madonna, huma tabilħaqq devoti tagħha għax jagħtu xhieda ta' ħajja nisranija, kieku żgur li fid-djoċesi tagħna għandna bil-wisq aktar:

+ **lajċi** li b'maturità post-konċiljari qegħdin impenjati fil-qasam ta' l-appostolat;

+ **miżżewġin** li jibnu d-daqs tal-familja b'paternità responsabbli;

+ **ġenituri** li jerfgħu l-piż ta' l-edukazzjoni ta' wliedhom b'responsabiltà nisranija;

+ **insara** li jgħożżu l-veri valuri fil-ħajja tagħhom ta' kuljum;

+ **ċittadini** li għal ebda raġuni ma jċedu quddiem il-prinċipji tal-morali nisranija;

+ membri li jiffurmaw forza kostruttiva fi ħdan il-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

Eżattament dan li ried ifisser il-Papa Ġwanni Pawlu II meta kellem lill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-'Figlie di Maria' fit-23 ta' Jannar 1980. F'din iċ-ċirkustanza, il-Papa indirizza lil dawn l-ulied tal-Verġni Marija b'dawn il-kelmiet: **"Nixtieq infisser il-ferħ tiegħi għall-fatt... li l-membri ta' l-Assoċjazzjoni tagħkom jimpenjaw ruħhom b'devozzjoni filjali u partikulari lejn il-Madonna billi jgħixu ħajja nisranija fis-sens li jimmeditaw il-Kelma t'Alla, igħaddu bosta ħin fit-talb u jagħmlu fuq kollox karità fattiva ma' bnedmin li humma inqas ixxurtjati minnhom"**. Dawn il-kelmiet tal-Papa Ġwanni Pawlu II għandhom iġagħluna nnaqqxu f'qalbna l-kelmiet ta' Sant'Antnin ta' Padova: "**Ma noqtlux bl-egħmil dak li nippriedkaw bil-kelma**". Fi kliem sempliċi, id-devozzjoni awtentika lejn il-Madonna nuruha bix-xhieda tal-ħajja tagħna nisranija.

## IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Is-sena 1985 kienet is-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ. F'messaġġ li kien ippubblika fl-1 ta' Jannar għal din l-okkażjoni, il-Papa Ġwanni Pawlu II kien qal

lil dawn iż-żgħażagħ: "**Meta intom toqtlu x-xbieha t'Alla fil-kuxjenza tagħkom, intom tkunu waqajtu f'wieħed mill-akbar gwajjiet li jista' qatt imisskom.**" U dan hu verissimu għax min jasal għal dan l-estrem, jasal biex iwettaq kull xorta ta' delitti. Iżda min huma dawn iż-żgħażagħ li jaqgħu f'din in-nasba tax-xitan? Dawk iż-żgħażagħ li ma jikkoltivawx fihom il-vera devozzjoni lejn il-Madonna.

Iż-żgħażagħ min-natura tagħhom iħobbu l-awtentiċità. Iż-żgħażagħ min-natura tagħhom iħobbu jgħixu dak li jemmnu, u mhux jippriedkaw biss dak li jemmnu fih. Iż-żgħażagħ tal-lum ma tiltaqax magħhom fl-isfera tas-snobbiżmu, tal-borġeżija u tal-burokrazija. Għalihom dawn huma ħwejjeġ anakronistiċi. Il-konformiżmu mhux fil-linja taż-żgħażagħ għax dan l-istat ta' ħajja jżommhom stagnati u mkaħħlin ma' l-imgħoddi bla ma jagħmlu l-iċken progress fl-oqsma kollha tal-ħajja. Iżda jekk dawn iż-żgħażagħ ifittxu li jgħixu r-realtà tal-ħajja b'ottimiżmu nisrani, jeħtieġ li ma jkunx nieqes fihom l-ingredjent tal-vera devozzjoni marjana. Kien il-Papa Ġwanni Pawlu II wkoll li kellem liż-żgħażagħ ġewwa Pompej fis-26 ta' Marzu 1980. F'dan id-diskors il-Papa Ġwanni Pawlu II wassal dan il-messaġġ lil dawn iż-żgħażagħ: "**Nixtieq b'qalbi kollha li intom tagħrfu tikkoltivaw fikom ta' kuljum l-entużjażmu tagħkom lejn Ġesù u ommu Marija. Dan tistgħu twettquh billi ssaħħu fikom il-fiduċja tagħkom fiHom ħalli tkunu kapaċi tqegħdu sisien sodi ta' ħajja impenjata għall-vera promozzjoni tas-soċjetà u tal-Knisja.**"

Tassew li ż-żgħażagħ insara li tabilħaqq iħobbu l-awtentiċità ma jistgħux ma jkunux ukoll żgħażagħ li jħobbu bis-sinċerità lill-Verġni Mbierka Marija.

## IT-TRINITÀ MQADDSA

Il-vera devozzjoni lejn il-Verġni Marija hija wkoll devozzjoni li twassalna biex aktar inħobbu lill-Missier Alla, lill-Iben Alla, lill-Ispirtu Santu Alla. Id-devozzjoni vera marjana ma tistax ma tkunx ukoll devozzjoni trinitarja.

Kienet difatti l-Verġni Mbierka Marija li offriet l-'IVA' inkondizzjonata tagħha lill-



**Sebastiano Mainardi: Presepio Collezione Spiridion - Roma**

Missier Alla biex Hija tkun l-omm ta' l-Iben tiegħu Ġesù. U jekk il-Missier Alla nissel sa minn dejjem lil Kristu tal-fidi, lill-Iben il-Waħdieni tiegħu Ġesù, il-Verġni Mbierka Marija nisslet fi ħdanha bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu lil Kristu Storiku, lil Ġesù mwieled minn mara li għadda 33 sena fid-dinja tagħna l-bnedmin, fl-art tal-Palestina. M'hemmx differenza bejn Kristu tal-fidi mnissel mill-eternità mill-Missier Alla u minn Kristu storiku li ġabet fid-dinja l-Verġni Mbierka Marija għax għalkemm Kristu libes il-libsa tagħna l-bnedmin hu baqa' xorta waħda Alla. L-imħabba vera lejn il-Madonna żgur li twassalna biex nuru l-ewwel u qabel kollox l-imħabba tagħna lejn il-Missier Alla.

Hija din id-devozzjoni tagħna wkoll lejn il-Verġni Marija li tgħinna nifhmu aħjar il-missjoni prinċipali ta' l-Iben t'Alla fuq din l-

art — il-fidwa tal-bnedmin kollha tad-dinja. Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja bħala "Dawl tal-Ġnus", sejjaħ lill-Verġni Marija bħala 'sieħba ġeneruża ma' Kristu fl-opra tal-fidwa'. Tassew li l-Verġni Marija kellha u għad għandha funzjoni subordinata fl-opra tal-fidwa. Veru li l-Medjatur Ewlieni bejn Alla u l-bniedem ma huwiex għajr Kristu. Veru li l-Medjatur Assolut bejn Alla u l-bniedem huwa Ġesù Kristu biss. Iżda daqstant huwa veru li l-Verġni Marija tgawdi medjazzjoni relattiva quddiem il-Missier Alla bis-saħħa ta' Binha Ġesù. U jekk aħna f'din id-dinja kontinwament qegħdin nieħdu sehem mill-benefiċċji ta' din il-Fidwa għax aħna bil-Magħmudija sirna wlied adottivi t'Alla, kemm għandna tassew għax nikbru fl-imħabba tagħna lejn l-Verġni Marija għax tabilħaqq din id-devozzjoni tagħna marjana tgħinna nifhmu aħjar kemm għamel għalina Kristu Ġesù biex fdiena.

Iżda jekk il-Verġni Mbierka kellha rabtiet kbar mal-Missier Alla u ma' l-Iben Alla, xejn anqas kienu sħaħ ir-rabtiet tal-Madonna ma' l-Ispirtu s-Santu Alla. Difatti l-Ispirtu s-Santu għażel lill-Verġni Marija biex taħdem il-parti ta' protagonista fid-dramm divin tal-pjan tas-salvazzjoni tagħna l-bnedmin. Kien l-Ispirtu s-Santu li nqeda bil-Madonna biex qaddes lil Ġwanni l-Battista meta kien għadu moħbi fil-ħdan ta' ommu Eliżabetta. Kien l-Ispirtu s-Santu li xeħet id-dell tal-qawwa omnipotenti tiegħu fuq il-Madonna biex tat għad-dawl tad-dinja l-Iben t'Alla magħmul bniedem, Ġesù Kristu. Kien l-Ispirtu s-Santu li għażel ukoll lill-Madonna biex tkun preżenti f'nofs l-Appostli fit-twelid tal-Knisja Mqaddsa — il-Ġisem Mistiku ta' Ġesù. Mingħajr il-Verġni Marija, mingħajr dik li ġiet imsejħa bħala l-'mimlija bil-grazzja' ma nistgħux inkunu nsara friski tad-disgħa ta' filgħodu, insara mimlijin entużjażmu u dinamiżmu għat-tixrid tas-Saltna t'Alla fuq din l-art.

Kienet, għalhekk, tassew flokha l-osservazzjoni li għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II meta fl-4 ta' Mejju 1980 kellem lill-insara ta' Kinsaha fl-Afrika. F'din iċ-ċirkustanza l-Papa stqarr: "**Devozzjoni marjana mifhuma tajjeb ma tistax ma twassalx lill-insara biex jagħrfu dejjem aħjar il-misteru tat-Trinità Mqaddsa fuq l-eżempju tal-Verġni Marija.**"

**DEVOZZJONI VITALI**

Id-devozzjoni tagħna lejn il-Madonna ma tistax tkun tabilħaqq vitali jekk aħna ma nsaħħux il-ħajja spiritwali tagħna permezz tat-talb u tal-frekwenza tas-Sagramenti. B'hekk aħna nkunu tassew xhieda ta' Kristu taħt il-protezzjoni materna tal-Verġni Marija, Għajnuna ta' l-Insara. (cfr. diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II lill-Kooperaturi Żgħażagħ Salezjani fit-3 ta' Settembru 1980).

---

## INNOLOĠIJA MARJANA *(jaqbad minn paġna 283)*

Ave, Int eqdes mis-santwaru tat-tempju
Ave, arka li l-Ispirtu kesa bid-deheb;
Ave, teżor ta' ħajja li qatt ma tiġi nieqsa.
Ave, dijadema prezzjuża tal-mexxejja nsara;
Ave, glorja tas-sacerdoti twajbin.
Ave, Int għall-knisja bħal torri tas-samm
Ave, Int għal Artna bħal sur qawwi.
Ave, lilek inxejru l-istendardi tagħna,
Ave, b'qawwietek jiġġarrfu mirbuħa l-egħdewwa ta' ruħna.
Ave, Inti duwa għall-ġisem muġugħ:
Ave, Inti ħelsien tar-ruħ tagħna.
Ave, Xebba u Għarusa!

24. Int jistħoqqlok kull tifħir,
Fik kull għaxqa u kull grazzja;
Li nqimuk, hu tagħna d-dmir
'il bogħod minna żomm kull hemm,
Mill-kastigi wkoll eħlisna,
Ja Ħanina!
Titlaqniex sakemm tintemm
Fuq din l-art il-ħajja tagħna.
Hallelujah!

# HAIL MARY!



If you suppose that on the one hand the Blessed Virgin demands a favour and on the other the whole heavenly court opposes it, the prayers of the Virgin would have before God more weight, more power, more efficacy, and more worth than those of all the other saints.

*Suarez.*

*Do not fear to approach Mary; there is nothing austere, nothing terrible about her; she is all sweetness, all full of piety and grace, of tenderness and mercy.*

*St. Bernard.*

**How could Jesus put off His mother? She prays, she conjures Him not only with eloquent words, but by showing Him her womb, that monument of clemency, that signal of charity.**

*A. Carnot.*

***Do you wish to be the servant of the Son? Love the service of His mother: all that is done in honour of His servant redounds to the glory of the Master; the honour paid to the Mother redounds on the Son; to glorify the Queen is to glorify the King.***

*St. Idlefonse.*

Mother of fair love, thou art full of sweetness, thou showest thyself all fair to thy children; but thou art terrible to devils, the heretics and the impious?

*St. Rupert.*

*There is no sinner so detested by God who, unless he be altogether cursed, if he invokes Mary, will not be converted to the Lord and obtain mercy.*

*St. Bridget.*

**Can Jesus refuse His mother the salvation of any person? Did He not give her the grace for Theophilus whom she thus snatched from the abyss of perdition? There is nothing impossible to her who renders, even to the desperate, the hope of salvation.**

*St. John Damascene.*

# IL-MARA MLIBBSA U L-QAM

*"...il-Verġni ta' Nazzaret, li sa mill-ewwel mument tal-Konċepiment tagħHa kienet mogħnija bid-dija tal-qdusija, l-anġlu li jagħtiha t-tħabbira, isellmilha b'rieda tal-Missier, bħala "il-mimlija bil-grazzja"."*

*(L.G. par 56).*

Darba waħda, ilu bosta snin, ġrat storja li baqgħet tissemma matul il-korṣ tal-ħajja ta' l-umanità u tibqa' tissemma sa ma fid-dinja jibqa' xi ħadd li jkun jista' jissejjaħ 'bniedem'. Raġel u Mara, it-tnejn flimkien u bir-rieda sħiħa u ħielsa tagħhom, fettlilhom jagħtu widen għat-tfesfis ta' ċertu 'Dawl' li jdallam lil kull min jinħakem fih. Kielu mill-frotta ipprojbita, kisru l-kmand t'Alla, u sfaw mingħajr ħwejjeġ mhux biss fil-ġisem tagħhom, imma, dak li hu iktar importanti, fil-ħajja tar-ruħ. Għalhekk huma tilfu bosta grazzji li Alla kien tahom, fosthom id-don ta' l-immortalità. Dik id-dalma li kienet waqgħet fuq il-moħħ ta' dawk it-tnejn min-nies, dallmet lill-umanità kollha u l-bniedem, minn fuq il-pedestall għoli tal-grazzja u tal-ħbiberija m'Alla, niżel u sar trab mill-istess art li minnha kien sar qabel. Xtara l-qerda tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li kellhom jiġu warajh. Minn dak il-mument, il-bniedem tgerfex u tħawwad għax sar jaf (bħal ma kien qallu s-serpent) it-tajjeb u l-ħażin. Sar jaf x'kien tilef meta ġibed fuqu u fuq nislu, il-kundanna t'Alla, għax bil-għaraq ta' ġbinu kellu jaqla' x'jiekol. Kaos kbir daħal fid-dinja. Dak li kien sabiħ, issa tilef surtu. Dak li kien qaddis u jferraħ, issa sar idejjaq, tgħabba bil-miżerja, bil-piż tqil tal-ħajja.

Meta kien f'dak l-istat ta' qerda, il-bniedem ma setax jaf kif sejjer isib triq biex forsi jerġa' jitħabbeb ma' Dak li kien ħalqu, biex b'xi mod seta' jerġa' jersaq lejH. Hu nnifsu ma setax isib triq, imma Alla, fil-ħniena kbira tiegħu u fl-imħabba li għandu lejn l-istess ħolqien li kien ħalaq, sablu mezz ta' ftehim, sablu mezz li bih żewġ għedewwa (Alla u l-Bniedem) setgħu jerġgħu jinħabbu flimkien. Alla seħet is-serpent u lill-bniedem tah xaqq ta' dawl fil-kelmiet tal-Ġenesi: "Inqajjem gwerra bejnek u bejn mara...hi tisħaqlek rasek". Hekk dehret il-Qawsalla li nebbħet il-bnazzi. Dehret l-Arka li salvat lill-bniedem mid-dulluvju tad-dnub. Dehret l-Għolja li fuqha kellhom jiġru ħwejjeġ kbar. Dehret il-Kewkba waħdanija f'sema kollu sħab iswed u li jbeżża'. Dehret MARIJA IMMAKULATA, il-Mara ta' l-Apokalissi li biHa u fiHa kellhom jidhru għeġubijiet kbar.

## Marija fit-Testment il-Ġdid

Wara dik it-traġedja ta' l-Eden, donnu l-bniedem kien nesa dik il-wegħda li kien għamillu Alla, minkejja li fost l-istess poplu t'Alla, kien hemm dejjem profeti biex iżommu lil dan il-poplu, imgħarraf b'dak il-Messija li kellu jiġi. Imma, meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lill-messaġġier tiegħu għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-xebba kien jisimha Marija. Dan il-messaġġier tas-sema daħal għandha u sellmilha bl-ogħla ġieh li qatt seta' jagħtiha l-istess Alla, meta qalilha: "Sliem għalik, ja mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa kollha..." F'dawn il-kelmiet ta' din it-tislima għandna l-isbaħ u l-aqwa xhieda tal-kobor ta' Marija.

L-ewwelnett, l-Anġlu wera ċerimonja ta' rispett, għaliex filwaqt li lil Żakkarija qallu: "La tibżax Żakkarija" u xejn aktar, lil Marija qalilha: "Is-sliem għalik, Marija". Din iċ-ċerimonja tal-messaġġier tas-sema, skond ma jgħallem Sant'Ilarju, saret biex juri l-kobor tal-grazzja li Hija kellha ġewwa

# BIX-XEMX AR TAHT RIĠLEJHA

*Minn* **FR. ALBERT CURMI**



**Xbieha meraviljuża tal-Immakulata, xogħol tal-Kav. Lorenzo Bernini**

fiHa, u fl-istess ħin, il-missjoni għolja li kellha tidħol għaliha mal-medda tas-snin, jiġifieri dik li kellha tkun l-Omm t'Alla, l-Omm tal-Feddej, il-Kanal waħdieni li minnu Kristu kellu jilbes in-natura tagħna l-bnedmin, u hemm man-natura tiegħu ta' Alla, ikollu wkoll in-natura ta' bniedem, isir bħalna f'kollox, minbarra fid-dnub.

L-Anġlu kompla jgħidilna li kienet mimlija bil-grazzja, u hawn San Tumas jikkummenta u jgħid li "min hu mimli ma jistax jesa' aktar, allura ma tistax iżżidlu jew tagħtih aktar minn dak li għandu, għax dan ikun moħli u Alla qatt ma jaħli l-grazzji tiegħu għal xejn jew bla bżonn. Għalhekk fil-Madonna ma kien hemm xejn li jista' jagħti dispjaċir lil Alla."

San Bernard igħid ukoll: "Minn din il-milja tal-grazzja, kull maħluq irċieva xi ħaġa: il-marid irċieva l-fejqan, il-ħabsi ħa l-ħelsien, l-imdejjaq sab is-sabar, il-midneb qala' l-maħfra, il-qaddis imtela bil-grazzja, l-anġlu far bil-ferħ, it-Trinità Mqaddsa kellha tassew unur kbir, l-Iben t'Alla ħa sura ta' bniedem". (De hum. 8).

Fl-aħħar, l-anġlu qalilha li Hija kienet imbierka fost in-nisa kollha, jiġifieri, mhux biss dawk li ġew qabilha fl-ordni tan-natura, imma wkoll dawk li kellhom missjonijiet kbar fid-dinja, bħal ma kienet il-missjoni ta' Eliżabetta, meta, fi xjuħitha kellha tagħti lid-dinja lil dak li kellu jkun il-prekursur, biex iwitti t-triq tal-Mulej — Ġwanni l-Għammiedi. Fuq dawn il-kelmiet ta' l-anġlu, bosta teoloġi jagħmlu distinzjoni bejn il-ħelsien mid-dnub oriġinali fil-Madonna u f'dak ta' Ġwanni l-Għammiedi, fejn igħidu li Marija ġiet meħlusa sa minn qabel il-konċepiment tagħha, jiġifieri, li għal ebda ħin ta' ħajjitha ma kienet imtebba' bid-dnub; fil-waqt li Ġwanni ġie meħlus minnu, meta kien ġà konċepit fil-ġuf t'ommu Eliżabetta. Għalhekk, hu kien imċappas, imma ġie mnaddaf għad-dehra ta' Marija fid-dar ta' Żakkarija. Minn hawn ukoll toħroġ dik id-distinzjoni fiżjoloġika li kienu jsemmu bosta teoloġi antiki, jiġifieri, konċepiment attiv jew tal-bidu; u konċepiment passiv jew dak li jiġi wara.

Fil-Bulla tad-definizzjoni Dommatika, il-Papa Piju IX għamel riferenza għal dan il-



**Il-Papa Piju IX**

konċepiment, u jgħid li l-Madonna ġiet meħlusa minn kull tebgħa oriġinali qabel ma saret l-għaqda tar-ruħ mal-ġisem, jiġifieri (kif josservaw bosta għorrief) qabel ma l-Madonna bdiet tissejjaħ 'bniedem' hija kienet ġà ikkonfermata fil-grazzja.

## Ix-xitan reġa' deffes denbu

Sa minn bosta snin ilu, numru kbir ta' teoloġi, fosthom anke qaddisin u appostli tad-devozzjoni lejn il-Madonna, ma setgħux jaċċettaw dan il-misteru hekk għoli, u għad li wżaw il-prudenza tagħhom fir-rigward ta' dan it-tagħlim, huma beżgħu li ser jinħolqu bosta kontroversji (kif fil-fatt qamu) fil-qasam tat-teoloġija. Fost dawn il-qaddisin insibu lil San Bernard li meta l-kanonċi tal-katidral ta' Ljon, fi Franza, daħħlu l-festa tal-Kunċizzjoni, ħadha qatta bla ħabel kontrihom. Hawn ħareġ biex spjega din l-okkażjoni, ċertu teologu magħruf Ugo ta' San Vittore, li f'dissertazzjoni magħmula f'forma ta' ktieb, irrispondieh u qallu: "li l-

ġisem ta' Marija ma kellux bżonn ta' qdusija għax Hija ġà kienet ippreservata minn Alla qabel ma Adam kien waqa' fid-dnub". Ma San Bernard qablu wkoll xi qaddisin oħra, bħal ma kienu: San Pietru Damjan, Pietru Lombardu, Alessandru ta' Ales, San Bonaventura flimkien ma' San Albertu l Kbir. Imma, jekk kien hemm minn ħassu iebes il-kliem ta' Ugo, kien hemm ukoll min qabel miegħu u ddefendih bħal ma kienu: Rajmondu Lullo, Ġanni Bacone, Gersone, Nikola Cusano li flimkien mal-magħruf teologu franġiskan Ġwanni Duns Scotu, kebbsu battalja qalila. Tant ħraxet din il-polemika li fil-Konċilju ta' Basilea li sar fis-sena 1438-39, id-dumnikani u l-franġiskani qabdu ma' xulxin. Din il-kwistjoni twalet b'tali mod li l-Papa Sistu IV fis-sena 1483 kellu joħroġ digriet "Grave nimis" fejn tefa' l-piena ta' l-iskomunika fuq min jitkellem fuq dawn il-kwistjonijiet. Il-Konċilju ta' Trentu, biex jevita din il-polemika, għamilha ċara sa mill-bidu li mhux ser jitkellem fuq il-privileġġ tal-Madonna, u fis-sezzjoni li saret fis-17 ta' Ġunju 1546, meta kienet qiegħda ssir id-diskussjoni fuq id-dnub oriġinali, ħalla barra għal kollox dan il-privileġġ li kien ġie mogħti minn Alla lill-Verġni imbierka. Hekk il-glorja ta' Marija kellha b'xi mod issofri l-ġieħ li kien jistħoqqilha, però dan ma kellux idum għal żmien twil.

## Dejjem 'il quddiem f'Marija

Sa dan it-tant, però, it-tifħir lejn l-Immakulata dejjem baqa' jinżamm b'għożża kbira. Sa mill-ħames seklu nsibu li ċerti rħieb kienu ġà qegħdin jagħmlu din il-festa fil-kunvent tagħhom. Fis-seklu tmienja, din il-festa kienet teżisti kważi fil-Lvant kollu. Fis-seklu għaxra din il-festa ġiet imdaħħla fil-Kalendarju Ekkleżjastiku. b'ordni ta' l-imperatur Basilju. Fis-seklu ħdax l-imperatur Cumneno, għolla din il-festa għall-festa tal-preċett għall-imperu tiegħu kollu. Fil-Punent, l-ewwel post li fih ġiet imfakkra Marija Immakulata kien fl-Italja tan-Nofs, għall-ħabta tan-nofs tas-seklu ħdax. Fis-seklu tnax, il-Kapitlu Ġenerali tal-Franġiskani daħħal din il-festa għall-Ordni kollu, filwaqt li l-Papa Sistu IV li kien franġiskan, ordna li l-festa ta' l-Immakulata tinkiteb fil-Kalendarju ta' Ruma u ta bosta indulġenzi fil-festa tagħha. Fis-seklu sittax, il-Papa Klement VIII għolliha għar-rit doppju ta' prima klassi, waqt li Klement IX żied ma' din il-festa l-ottava wkoll. Fis-seklu tmintax, il-Papa Klement X daħħal din il-festa għall-Knisja Universali kollha, waqt li l-Papa Beneditt XIV ordna li għal din il-festa għandha tiltaqa' 'Kappella Papali' fil-bażilika ta' Santa Maria Maggiore. Fis-seklu dsatax, il-Papa Piju IX, devot kbir ta' l-Immakulata, ordna quddiesa ġdida flimkien ma' l-Uffizzjatura kollha għal din l-okkażjoni. Il-Papa Ljun XIII mhux biss għolla din il-festa għar-rit ta' doppju Prima Klassi, imma wkoll żied il-quddiesa tal-vġili.

Ġewwa l-Italja, sa mill-ewwel snin tal-Medju Evu, kienet daħlet id-drawwa li biex l-insara tqim lil Marija proprju f'dan il-privileġġ ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, kienu jirreċitaw l-Angelus, għal tliet darbiet kuljum, filgħodu ma' sbiħ il-jum, f'nofs inhar, u filgħaxija hija u nieżla x-xemx. Dawn is-sinjali kienu jingħataw b'sinjal ta' qanpiena f'kull knisja tal-belt jew raħal. Tant kien magħruf dan is-sinjal li f'ċerti bliet, malli kien jinstema' d-daqq tal-qanpiena, il-għassiesa tal-bibien tal-belt kienu jagħlquhom, biex ħadd iktar ma kien ikun jista' jidħol jew joħroġ qabel ma jerġa' jinstema' l-ħoss tat-tokki tal-qanpiena: l-għada filgħodu kmieni. Din id-drawwa kompliet issaħħet permezz tal-patrijiet franġiskani li ta' kull filgħaxija, wara li jirreċitaw l-aħħar talba tal-Brevjar, jiġifieri t-talba ta' Egħluq il-Jum, kienu jdoqqu l-qanpiena tagħhom, biex f'dak il-ħin, in-nies kollha tal-qrib kienu jieqfu mill-ikel u flimkien mal-patrijiet li kienu jkunu jkantaw xi antifona tal-Madonna, huma jgħidu l-Angelus, biex iferrħu lill-Madonna b'dik it-tislima. Insibu wkoll li fil-belt ta' Parma, fis-sena 1318, ta' kull filgħodu kienet tindaqq qanpiena li kien jieħu ħsiebha wieħed imħallas mill-gvern tal-post, biex hekk il-poplu kollu jiġbed fuqu l-barka tal-Madonna għal dak il-jum. Il-Papa Kallistu III, fis-sena 1456 ordna li l-Angelus ta' nofs inhar, jingħad bl-intenzjoni biex il-Madonna tħares lill-Ewropa mill-attakki tat-Torok. Fi ktieb tal-Katekiżmu tas-sena 1560 kien hemm mistoqsija li kienet tgħid: "Għalfejn isir it-talb filgħaxija?" Ir-risposta tagħha kienet:

"Biex jissejħu l-insara kollha u jieħdu sehem fil-funzjonijiet reliġjużi, biex waqt li matul il-jum il-bniedem ikun meħdi f'ħafna distrazzjonijiet, filgħaxija bħax-xebba u max-xebba ta' Nazzaret, jinġabar fit-talb u jaħseb f'ruħu."

## Żernieq imħawwad u diffiċli

Il-Mara mwiegħda fil-Ġenesi u glorja fl-Apokalissi, reġgħet għal darb'oħra għaffġet ras is-serpent u minkejja d-dalma li kienet tidher, Hija, sabiħa bħax-xemx, tiddi bħall-qamar, imma dejjem lesta bħal eżerċtu mhejji għat-taqbida, tat ir-rebħa tagħha.

Għal xi żmien, kienu dehru fis-sema tas-soċjetà, żewġ kittieba rivoluzzjonarji: Dostojewski u Nietzsche. Ta' l-ewwel ħareġ bit-teorija falza tal-"bniedem-alla" u tat-tieni ħareġ bis-"Superman". Dawn it-tnejn għallmu prinċipji żbaljati. Qalu li l-bniedem huwa kompletament ħażin, allura trid tħallih fil-għama tiegħu għax ma hemmx rimedju għal ħajja aħjar. Kollox isir ħażin f'idejh. Minn hawn ukoll ħareġ il-punt ta' konklużjoni li l-bniedem għandu jiġi mmexxi u mhux imexxi hu għax hu (il-bniedem) huwa l-akbar annimal selvaġġ li qatt rat id-dinja. Għalhekk il-poter għandu jkun f'idejn wieħed u l-oħrajn jobdu biss.

Il-Prinċipju l-ieħor kien li, il-bniedem kollu kemm hu tajjeb, allura ħallih jagħmel li jrid u li jogħġbu, ħallih jimxi wara l-istinti tiegħu, għax dan (il-bniedem) huwa ġisem u laħam, u xejn aktar, u b'dan il-mod, f'dak kollu li jagħmel irid jissodisfa x-xewqat tiegħu. Hawn inħolqot konfużjoni kbira fl-imħuħ. Nibtet ir-Rivoluzzjoni Franċiża. Ħafna Prinċpijiet, Isqfijiet u qassisin ġew maqtula. Napuljun (1789) rled lneħħl lill-Papa, il-Monasteri ġew meqruda, il-ġid tagħhom kien misruq, il-Knisja mwarrba.

Minn Franza, ir-rivoluzzjoni għaddiet ukoll għal ġewwa Ruma, u fis-sena 1848, billi l-Papa Piju IX ma riedx jibgħat lis-suldati tiegħu jiġġieldu kellu jitlaq lejn Gaeta, fl-eżilju. Kien l-24 ta' Novembru, 1848. L-għada filgħodu, fuq il-bibien tal-Knejjes ta' Ruma dehru kitbiet: "Neħħu lil Kristu" u "Merħba lil Barabba". Piju IX meta sar jaf b'dan kollu, hu li kellu devozzjoni speċjali lejn il-Madonna, għamel wegħda li jekk il-Knisja terġa' tiġi meħlusa, huwa kellu jagħmel li t-tagħlim dwar l-Immakulat Konċepiment tal-Madonna, bħala domma tal-Fidi. Huwa qal: "għax Marija emmnet lil Alla għalhekk jiġi meqrud 'il-bniedem-alla'. "Hija obdiet lil Alla fl-imħabba, għalhekk turina li fil-bniedem mhux kollox ħażin u mhux kollox tajjeb, imma fil-bniedem hemm it-tajjeb u hemm il-ħażin". Għalhekk fil-11 ta' Frar, 1849, kiteb ittra lill-Isqfijiet kollha fejn, fost ħwejjeġ oħra qalilhom: "It-tama tagħna hija kollha kemm hi f'Marija. Hija dik li taħt riġlejha ħażżqet ras is-serpent il-qadim, u mqegħda bejn Kristu u l-Knisja; hija l-mimlija bil-grazzja u bl-imħabba dejjem ħelset lill-insara mill-eħrex attakki, perikli u nganni tal-għedewwa, billi ħarsitha (lill-Knisja) fuq kollox minn bosta rovini kemm spiritwali u kemm temporali."

## Sebaħ Jum Ġdid

Il-Papa Piju IX kien tal-fehma li jekk jagħraf b'mod solenni t-tagħlim li kien sa mill-bidu tal-Knisja, fuq l-Immakulat Konċepiment b'dan il-mod, kienet ser terġa' tiġi mixgħula fjakkola ġdida ta' mħabba u qima lejn l-Omm tagħna tas-Sema. Il-Qdusija Tiegħu ma kienx żbaljat għax fit-12 ta' April, 1850, huwa daħal trijonfalment ġewwa Ruma fost għajjat ta' ferħ u ġie milqugħ bil-kelmiet sbieħ ta' "Hosanna" minn eluf ta' nies li kienu qegħdin jistennewh bil-ħerqa. Id-dinja Kattolika ferħet mhux ftit għal din l-aħbar u fil-pajjiżi kattoliċi saru festi kbar bħala ringrazzjament lil Alla għal dan it-trijonf tal-Knisja fir-Ras Viżibbli tagħha, il-Papa. Mill-banda l-oħra, il-Papa issa ried li mill-iktar fis iwettaq il-wegħda li kien għamel. 563 Isqof kienu approvaw il-pjan tal-Qdusija Tiegħu, u 40 żammew ċerti riservi. Wara sitt snin mill-ħarba tiegħu lejn Gaeta, fit-8 ta' Diċembru, 1854, il-Papa seta' jippronunzja ruħu billi jgħid, fil-Bulla: "Ineffabilis Deus" li: "Il-wisq meqjuma Verġni Marija, sa mill-ewwel mument tal-konċepiment tagħha, bi grazzja speċjali u bi privileġġ waħdieni ta' Alla l-għoli, bil-merti sa minn qabel ta' Kristu, il-Feddej tad-dinja, kienet meħlusa minn kull tebgħa ta' dnub oriġinali". Għal din l-aħbar, il-poplu nisrani mhux biss feraħ, imma wkoll kattar id-devozzjoni li kellu b'mod aktar sod

u konsolanti, lejn l-Omm ta' Alla u l-Omm tagħna l-bnedmin. B'dan il-mod, mhux biss ġew imxejna l-ideat foloz ta' Dostojewskij u Nietzsche, imma wkoll, għal darb'oħra, il-Knisja — il-Ġisem Mistiku ta' Kristu — reġgħet żiedet unur kbir ieħor, u żejnet ras il-Madonna bl-għola kewkba li qatt dehret fid-dinja.

Issa l-qlub ta' l-insara, ma kienx għad fadlilhom minn xiex jibżgħu jew jaqtgħu qalbhom, bid-dubju li l-Knisja kien għadha ma tkellmitx fuq dan il-kbir privileġġ. Dan l-avveniment tefa' fuq id-dinja pjan ġdid ta' tifħir lil Marija u dak li sa minn sekli imbegħda kien isir fil-moħbi u donnu b'ċertu biża', issa ħareġ għad-dawl tal-Fidi Nisranija. Hekk dak 'id-Dawl' ħażin li kien deher ġewwa l-Eden biex qarraq bl-ewwel bnedmin, issa, għal darb'oħra, safa mħażżaq taħt sieq dik li kellha tiġġieled miegħu u tirbħu. Dak 'id-Dawl' qarrieq, li matul il-medda taż-żmien, kien għamel dak kollu li seta' biex itellef lil Marija minn din il-glorja, issa ġie mirbuħ, u għal darb'oħra, l-Immakulata tefgħet sieqha setgħana fuq rasu u għaddsitu fis-suppervja tiegħu. L-Angelus li fl-antik kien jingħad minn bosta erwieħ tajba, issa reġa' daħal bħala talba l-iktar ferventi, tant li maż-żmien, l-istess Papa Pawlu VI fl-Eżortazzjoni Apostolika "Marialis Cultus" ħass li kellu jpoġġih bħala wieħed mid-devozzjonijiet kbar li għandha l-Knisja Kattolika. Din il-verità dwar l-Immakulat Konċepiment ta' Marija reġgħet ġiet ikkonfermata fil-25 ta' Marzu, 1958, fis-sittax-il dehra hemm ġewwa Lourdes lil Santa Bernardette. Kienet il-Madonna stess li qalet lit-tfajla (li żgur ma kenitx taf xi jfissru dawk il-kelmiet) li Hija l-Immakulatla Kunċizzjoni. Konferma oħra mogħtija minn Marija nfisha dehret fil-ħames dehra tagħha ġewwa Beauraing. Hekk ta' kull sena fit-8 ta' Diċembru, il-Poplu Nisrani kollu, jerġa' għal darb'oħra jifraħ b'dan il-privileġġ hekk kbir li rċeviet Marija sa mill-ewwel mument ta' ħajjitHa...

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, li bid-dritt kollu



**Jiena jien l-Immakulata Kunċizzjoni. Hekk qalet is-Sinjura l-Bajda lil Bernardette Soubirous**

jista' jissejjaħ "Il-Papa Marjan" ġabar il-kobor ta' Marija u l-għaqda tagħha mal-Poplu t'Alla, fl-Omelija li għamel fit-8 ta' Diċembru, 1978, fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore meta qal: "Il-punt deċiżiv ta' l-istorja tas-Salvazzjoni huwa proprju fl-Immakulat Konċepiment. Alla għażel lil Ommu minn fost il-poplu li lili kien ħallielu l-misteri u l-wegħdiet b'mod speċjali, gal bosta sekli. Hu għażilHa mir-razza ta' David u fl-istess ħin mill-ġens tal-bniedem kollu. Hu għażilHa mir-razza tas-Slaten imma fl-istess ħin minn fost in-nies foqra. GħażilHa sa mill-bidu, sa mill-ewwel mument tal-Konċepiment tagħha, billi għamilHa denja tal-Maternità Divina, missjoni li għaliha kellha tiġi msejħa meta kellu jasal iż-żmien. Hu għamilha l-ewwel werrieta tal-qdusija ta' Binha Ġesù. L-ewwel waħda fost dawk li ġew mifdija mid-Demm Divin Tiegħu, Demm li Hu stess kien irċievа minn għandha...Għamilha mingħajr tebgħa fil-mument tal-Konċepiment tagħha..."

# FIL-WIED TAL-QASAB

*Novella ta' J.C.*

Dak il-wied mimli eluf ta' qasab ħodor magħruf bħala "Ta' Madliena" taħt wara t'Għammar, kien jgħaxxqek bi sbuħitu f'dik l-għodwa ta' April. Ftit qabel kienet għamlet ħalba xita w issa ħarġet ix-xemx tiddi fil-qtar tal-ilma qishom fosos tal-brillanti imxerrdin fuq il-weraq tawwali.

Il-foresta kienet mimlija ħajja għaliex ħafna għasafar żgħar bdew ġejjin jittajru qalb il-weraq ifittxu l-insetti mnaffra mix-xita waqt li għasafar ikbar bħall-merill u l-melvizz kienu jidhru delħin u ħerġin għall-ħniex u bebbux f'għeruq il-qasab. Il-maskan u ħamrija mhix maħduma ħdejn il-qasab kienu miżgħuda b'ħafna ward kulurit, ward aħmar tas-silla, ward dehbi tal-lellux, ward abjad tax-xewk u biżibilju ta' ward ieħor żgħir li kienu joffru l-egħlejjel imxebilka ġo xulxin. Ma' dan il-ġmiel kollu kienu jinstemgħu l-ilma għaddej jaqbeż qalb iz-zkuk u żiffa ħelwa titliegħeb mal-weraq li flimkien maż-żanżin tan-naħal kienu joffru l-oħla sinfonija li taf toffri n-natura.

Dan is-seħer tan-natura seraq il-qalb ta' raġel li kien bilqiegħda fuq gozz ħuxlief fid-daħla tal-għar Tal-Imtieħen fejn kien mar jistkenn mix-xita ftit qabel. Tant issaħħar minn dan il-ġmiel li nstama' jgħid: "kemm jaf isebbaħ il-ħolqien Dak li għamel kollox" u billi kien qiegħed jara xi għasafar inaqqru xi żrieragħ minn xi wardiet niexfa tax-xewk kompla: "imma kif anke mix-xewk li aħna tant nisħtu fil-ħajja tagħna kapaċi jitma' t-tajr tal-ajru". U baqa' jħares quddiemu u madwaru daqqa lejn l-għolja ħelwa Ta' Kanġla, daqqa lejn dik ikbar Ta' Ġurdan u jerġa' lejn il-wied tal-qasab li qatt ma rah hekk sabiħ. Dan il-ġmiel kollu bħal daħħlu f'sakra aqwa minn dik tal-inbid u tajjar ħsibijietu 'l fuq 'l fuq lejn il-Ħallieq u nesa għal kollox li kien mar hemm biex iħawwel ftit xitel tat-tadam.

*　　*　　*　　*

Lonzina kienet imħawda għall-aħħar. Sa minn ċkunitha dejjem kellha ħajra li tidħol Soru Franġiskana u tmur tieħu ħsieb dawk "it-tfal suwed" li kienet tara fuq l-istampi mas-Sorijiet u Patrijiet libsin l-abjad fuq letteratura missjunarja. L-għaxqa tagħha kienet taqra u tisma' min jitkellem fuq is-Sorijiet fl-artijiet tal-missjoni u dejjem toħlom li xi darba għad tkun waħda minnhom. Imma kif għalqet it-tmintax tfaċċa żagħżugħ ħabib ta' tfulitha li tefa' għajnejh fuqha u talabha biex tagħtih imħabbitha. Ta' spiss kien joqgħod jgħassilha ħierġa mid-dar, jersaq fuqha kważi bil-moħbi u jitlobha u jerġa' jitlobha imqar titbissimlu waħda. Hi kienet issir ħamra nar, tbaxxi rasha u tgħaġġel kemm tiflaħ fuq triqitha. Però xorta kienet titħawwad xi ftit għax għalkemm ma kenitx tagħtih wiċċ dejjem kellha grazzja ma' dan iż-żagħżugħ avolja kellha grazzja ikbar ma' dawk it-tfal suwed.

Ġurnata minnhom fetħet qalbha ma' ommha u din wara li qagħdet tismagħha b'qalb ta' omm, qaltilha li kienu qed isemmu qassis li żgur kien kapaċi jagħtiha parir tajjeb. Qaltilha li kienu qed isemmu lil Dun Ġużepp Portelli li kien jieħu ħsieb il-knisja Ta' Pinu u l-omm ħajret lil bintha biex imorru ikellmuh flimkien.

"Le, ma, m'hemmx għalfejn toqgħod tiġi int għax int tbati ħafna biex timxi" kienet irrispondiet Lonzina. "Taf x'nagħmel, immur għand iz-zija Ġużeppa ta' ħdejn Ta' Pinu u ngħidilha teħodni hi". "Hi kemm ħsibtha tajjeb binti", qablet magħha ommha bi tbissima ta' mħabba.

Lonzina ma kellhiex sabar u waħħlet f'moħħha li tmur l-għada stess. Imma kultant kollox bil-maqlub jiġi jew hekk naħsbu aħna l-bnedmin għax ma nifhmux il-pjan divin. Kif l-għada lestiet kollox u se toħroġ bdiet nieżla x-xita. Ommha talbitha biex tmur f'xi jum ieħor u hi kienet ser taqta' qalbha. Iżda meta telgħet tixref fuq

il-bejt lejn in-naħa tal-Għarb l-ajru kien jidher maqtugħ, allura stenniet ftit ieħor, tgeddset f'inċirata u telqet tgħaġġel kemm tifla għal għand iz-zija. Fejn soltu kienet iddum madwar siegħa biex tasal għand zijitha, din id-darba waslet f'inqas minn tliet kwarti.

Kif waslet fetħet il-bieb u b'vuċi ferħana għajtet liz-zija u stennietha tiġi tiġri b'dik it-tbissima tagħha. Imma għalkemm għajtet u reġgħet għajtet baqa' ma wieġeb ħadd. Stenniet ftit imbagħad ħabtet lill-ġara taz-zija u minn għandha saret taf li z-zija kienet niżlet lejn Ta' Madliena tnaddaf l-għalqa mill-ħaxix ħażin u tlestieha għaż-żriegħ tal-bħajra. Lonzina żżietha ħajr u telqet tiġri lejn l-għalqa fejn kienet imdorrija tmur magħha għall-ful aħdar u piżelli.

"Illum kollox kontra tiegħi ġie" tnegħdet Lonzina meta xħin waslet bla nifs fl-għalqa ma rat lil ħadd. Kollha mnikkta kienet ser terġa' lura imma ġieha ħsieb tinżel 'l isfel lejn il-wied "forsi z-zija niżlet hemm tirgħa n-ngħaġ". Hekk għamlet u qabdet timxi mat-trejqa ta' fuq ir-riħ tal-wied tal-qasab tgħarrex 'l hawn u 'l hinn għaz-zija jew għal xi proxxmu li seta' ra lil zijitha. Kif waslet ħdejn l-għar Tal-Imtieħen dehrilha li kien hemm xi ħadd u għamlet kuraġġ u marret 'l hemm avolja xi ftit imgerrxa. Hemmhekk fil-bokka tal-għar kien hemm raġel bilqiegħda u kollha mistħija sellmitlu biex tibda d-diskors. Imma dak lanqas induna biha avolja ma nafx kemm-il darba għajtitlu: "Ġuż...Ġuż..."

Għall-ewwel it-tfajla ħasbet li dak kien xorob xi żewġt infas inbid u kienet ser titlaq tiġri minn hemm. Imma meta ratu jħares ċass lejn is-sħab għaddej jiġri, b'dawk għajnejh miftuħa beraħ u b'wiċċu mixgħul bi tbissima qisu quddiem xi dehra l-iżjed sabiħa, tħassbet xi ftit u "forsi miskin dan ir-raġel itiħ tal-qamar" ħasbet "u mhux sewwa li nħallih hawn waħdu". Għamlet ftit tal-kuraġġ wara li għal ħafna drabi nstemgħet tgħid: "Madonna għinni, Madonna għinni int" u messitu fuq spalltu bil-ħatfa u reġgħet sejħitlu "Ġuż...Ġuż..."

Għall-mess ta' idejn Lonzina, ir-raġel bħal stejqer u ġie f'tiegħu u waqt li ndehex staqsa: "Hawn fejn aħna?" "Ajma għall-erwieħ kellimtni" ħadet ftit tar-ruħ it-tfajla, "x'qatgħa tajtni lanqas naf xi ħsibt" u nfaqgħet tibki. "Għalfejn qed tibki oħti?" staqsieha l-ieħor bi tbissima. "Għax...għax ħsibtek mejjet" kompliet l-oħra bla nifs, "aħjar tmur lejn id-dar taf għax m'intix f'siktek...tridx ngħinek tasal id-dar?" "U le, le, m'hemmx għalfejn, jien m'għandi xejn, Imma ġejt hawn nistkenn mix-xita u għandu jkun li bdejt nongħos hux!" "Mela ilek tongħos daqs kemm ilha li għamlet ix-xita". "Iva hux", xengel rasu u ġebbed xufftejh dak ir-raġel. Imbagħad dawwar id-diskors u staqsieha għalfejn kienet marret 'l hemm. Kelma ġġib lil oħra spiċċaw isemmu lil Dun Ġużepp.

Ma' l-isem ta' Dun Ġużepp dak ċarrat tbissima minn widna s'oħra u qalilha: "Dak ħabib tiegħi u nista' nieħdok jien meta trid, anke llum stess". Lonzina siktet għal ftit għax ħasbitu qed jiċċajta. L-ieħor induna x'kien għaddej minn moħħha u kompla: "Mhux biċ-ċajt taf qed ngħidlek, aħna ħbieb antiki u sikwit għand xulxin". "Eħe, eħe", emmnitu t-tfajla. "U ngħid li aħna ħbieb u kemm aħna ta' ġewwa jien u Dun Ġużepp u sewwa għamilt taf ġejt għandu għall-parir...dak żgur jagħtik parir tajjeb" u wara li faħħru ħafna kompla, "bħalissa jkun nieżel minn għand ħuh l-Arċipriet tal-Għarb...tridx immorru niltaqgħu miegħu fuq l-arkata ta' Sdieri?...hekk jew hekk jien hawn qiegħed għalxejn għax l-għalqa infaqgħet u ma nistax nagħżaq..."

* * * *

Kien nhar San Ġużepp fis-sena tal-Ġublew imħabbar mill-Papa Piju XII. Bħal fil-Ħdud u festi kollha ta' dik is-sena ħafna Għawdxin irħewlha lejn Ta' Pinu jżuru lill-Madonna biex skond il-ħsieb tal-Papa jirbħu l-Indulġenza Plenarja. Fost il-ħafna pellegrini dak in-nhar tfaċċaw xi tmien Sorijiet Franġiskani li tneħħi waħda minnhom dehru li ma kienux ulied dawn il-gżejjer. Dawn daħlu fil-knisja, telgħu fil-kappella u nxteħtu f'riġlejn il-Madonna daqqa jitolbu flimkien jew minn fuq xi kotba li kellhom u daqqa b'rashom baxxuta fis-skiet donnhom biex iħallu lill-Madonna tkellimhom Hi. Imbagħad qamu, għamlu reverenza lis-Sagrament u lill-Madonna u niżlu jduru l-knisja u jammiraw sbuħitha.

Kif ħarġu mill-knisja dik li dehret li kienet

Maltija mexxiethom lejn iċ-ċint taz-zuntier fuq in-naħa tal-Gerruxa u għalkemm bdiet turi b'idha u dehret li riedet titkellem tant kienet kommossa li ma setgħetx titniffes. Ħutha daru magħha jagħmlulha kuraġġ. Hi wara li sfurzat tbissima msoqqija b'żewġ demgħat, ippuntat sebagħha lejn il-wied u bdiet titkellem bl-ilsien Franċiż. "Minn hemm ara ħuti ġietni s-sejħa missjunarja, jew jekk mhux minn hemm għal kollox imma minn hemm isfel ħassejtni ċerta mill-vokazzjoni tiegħi. Hemmhekk hemm daqsxejn ta' pont u kif diġà għidtilkom drabi oħra dak ir-raġel tajjeb kien laqqagħni ma' Dun Ġużepp li l-Madonna ħaditu għand Binha sena ilu. Konna għaddejna minn dak il-wied ħdejn dik il-barriera safra, tlajna fuq il-pont u qagħdna nistennew ftit minuti. Ngħidilkom il-verità jien ma kellix sabar nistenna u kemm-il darba kont se nitlaq imma wara ftit tfaċċa l-qassis. Ir-raġel mar jiġri jiltaqa' miegħu u reġa' ġie miegħ.. lura lejja. Kont ftit beżgħana imma l-qassis daħakli u għamilli kuraġġ. Qalli biex nimxi miegħu 'l hawn fuq u niftakar li bil-fixla lanqas sellimt jew iżżejt ħajr lir-raġel l-ieħor."

Is-Soru kompliet tirrakkonta kif dak il-qassis mill-ewwel serqilha qalbha u qaltlu dwar il-vokazzjoni li kienet tħoss imma qaltlu wkoll li kieku kienet tixtieq li tiżżewweġ għax it-tfal kienet tħobbhom ħafna. Il-qassis kien irrispondiha: "Binti, biex issir omm m'hemmx għalfejn tiżżewweġ...kieku taf kemm hemm tfal bogħod minn hawn jistennew li titfaċċa xi omm għalihom...Hemm bżonn li titlob ħafna biex jekk hi r-rieda tal-Mulej isseħħ ġo fik dik is-sejħa tiegħu."

Din bint Franġisku baqgħet tirrakkonta: "Pass pass, anzi aktar weqfin milli nimxu, wasalna hawn fuq. Niftakar konna dħalna flimkien quddiem il-Madonna u qagħdna nitolbu. Imbagħad dam ħin twil ikellimni fuq il-grazzja tal-vokazzjoni u iżjed u iżjed fuq dik missjunarja. Domt ma nafx kemm nisimgħu u wara li berikni tlaqt niġri ferħana għal għand iz-zija li miskina kienet baqgħet tistennieni billi l-ġara kienet qaltilha bil-miġja tiegħi."

"Wara li ma nafx kemm-il darba erġajt ġejt għand dan il-qassis, fl-aħħar sibt ruħi għand is-sorijiet. Nista' ngħidilkom li kien jum mill-isbaħ fil-ħajja tiegħi għax ħassejtni qed ninqata' mid-dinja u nsir kollni kemm jien ta' Ġesù, dak Ġesù li tant u tant kien isemmili dan il-qassis. Imma kif ilbist din il-libsa fqira, inqala' l-maltemp kollu ta' ħajti bħallikieku kollox u kulħadd dar kontra tiegħi u allaħares ma kienx dak il-qassis għalija għax fih kont insib kull għajnuna u faraġ. "Binti" qalli darba " ifraħ għax dak sinjal li l-Mulej iridek għalih għax qed igħaddik mill-prova biex isaffik qabel ma jurik it-triq tal-missjoni li tixtieq int." Darba oħra ġabli eżempju bil-wied tal-qasab "aħna lkoll qisna qabda qasab imħawlin fil-wied...jekk il-qasab ikunu mħawlin fis-sod l-ebda maltemp ma jista' għalihom u jista' jvenven ir-riħ qawwi u jistgħu jgħaddu l-gliegel ta' ilma ma' egħruqhom għax hemm jibqgħu, anzi aħjar, għax ir-riħ itajjar il-weraq niexef u l-ilma jsaqqihom. Hekk aħna wkoll binti...jekk aħna sodi fil-fidi u nifhmu dejjem li Alla jħobbna b'imħabba li ma nistgħux nifhmuha u allura naċċettaw dak kollu li jibagħtilna, allura l-ebda għawdx ma jirbaħna. Veru li aħna bnedmin u d-daqqiet inħossuhom iweġġgħuna u jġagħluna nibku, imma wara noħorġu iżjed b'saħħitna." Meta kont dubjuża dwar il-vokazzjoni missjunarja kien qalli: "Tinsiex li ismek huwa marbut mal-Lunzjata...għal-hekk agħmel kuraġġ bħal Marija Annunzjata, nissel ġo fik il-Bambin u mur welldu fil-qlub ta' dawk it-tfal li inti tant tħobb." U hekk ħuti sibt ruħi flimkien magħkom qalb dawk l-anġli ta' tfal afrikani..."

Fl-aħħar Suor Annunzjata talbet lil ħutha sorijiet biex flimkien imorru jżuru lil dak ir-raġel li kien laqqagħha ma' Dun Ġużepp u wara jinżlu jżuru wkoll il-fdal tal-qassis li qed jistrieħ ħdejn il qasab fil-wied sabiħ Taż-Żejt, "għax għandi dejn kbir ma' dawn iż-żewġt irġiel." "Anke aħna għandna dejn kbir magħhom għax li ma kienux huma kieku forsi llum m'għandniex lilek bħala l-Madre tagħna li tant tħobbna." Imbagħad kollha daru magħha jbusuha, qabdu id f'id u bdew mexjin ferħana 'l barra miz-zuntier lejn in-niżla li tieħu lejn l-Għarb.



# FL-AVE MARIA

X'dieqa waqgħet fir-raba', fil-ġonna,
Kif id-dalma nfirxet mas-skiet,
Kien is-sema mgħajjeb jitbekka
L-għasfur telaq u ħalla l-għanjiet.

Ħarġet karba minn fomm il-qanpiena
Minn dak fommha miftuħ ta' l-azzar,
Baqgħet tidwi mar-raħal, mar-raba',
Hekk kif ħarġet minn fuq il-kampnar.

Ħsiebi mtaqqal bin-niket ta' l-għodwa
Talab talba lill-Omm tas-smewwiet,
Qalbi tniehdet u magħha bħal għanja
L-isbaħ waħda fost kollha l-għanjiet.

O xi ħlewwa li titlob fl-għaxija
Lill-omm twajba li taħfer u tħenn,
Fik l-imħabba ta' qalbi tixxabba'
Fik il-ħajja ta' ruħi tistkenn.

**PAUL GAUCI.**

# MILL-ĦAJJA TAS-SANTWARJU

*Miġbura minn* **DUN KARM BORG**



**NOVEMBRU** (1985)

**2.** Il-Fergħa Ewkaristika organizzat il-laqgħa tagħha li ssir kull xahar fis-Santwarju. Saret quddiesa u siegħa adorazzjoni li fihom ħadu sehem attiv il-membri ta' din l-għaqda.

**9.** L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol G. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' xi saċerdoti oħra fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb taż-żwieġ ta' Angelo u Ġużeppa Axiaq. Il-funzjoni saret fil-Kappella tal-Madonna.

**21.** Fid-djoċesi ta' Għawdex inżamm Jum ir-Radd il-Ħajr. L-Eċċ. T. Mons. Isqof Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' għadd ta' saċerdoti fis-Santwarju. F'diskors li għamel għall-okkażjoni Mons. Isqof tkellem dwar id-dmir ta' kull bniedem li jiżżi ħajr lil Alla għal tant ġid li huwa kontinwament jagħmel magħna.

**24.** Grupp ta' Neo Katekumeni Għawdxin organizza laqgħa ta' talb u tifħir lill-Mulej fis-Santwarju ta' Pinu.

Fl-istess jum ukoll inżammet laqgħa oħra ta' talb mill-'Prayer Group Madonna ta' Pinu'. Din ta' l-aħħar tmexxiet minn Dun Mikiel Attard.

**DIĊEMBRU:**

**1.** Ġie organizzat pellegrinaġġ mill-Moviment Azzjoni Soċjali għall-anzjani.

**22.** Saru żewġ laqgħat ta' talb fis-Santwarju: waħda mill-'Prayer Group Madonna ta' Pinu' u l-oħra minn Grupp ta' Neo Katekumeni li tmexxiet mill-Kappillan tal-Fontana Dun Ġwann Cini.

**JANNAR:**

**29.** Ġie organizzat 'Coffee Morning' mill-Parroċċa ta' Għajnsielem fir-Restorant ta' ħdejn is-Santwarju. Fl-istess okkażjoni saret laqgħa ta' talb fis-Santwarju mill-Kan. Dun Mikiel Cauchi.

**30.** Sar pellegrinaġġ mill-Patrijiet Kapuċċini fi tmiem l-irtir tagħhom. Il-Predikatur tal-irtir Patri Klement Abela O.P. mexxa Konċelebrazzjoni flimkien mal-patrijiet li attendew għall-irtir.

**31.** Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġovanni Bosco, is-Sorijiet Sależjani organizzaw pellegrinaġġ mill-Iskola Laura Vicuna tal-Għasri għas-Santwarju fejn saret quddiesa għalihom mill-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca.

# Grazzi Madonna Ghax Smajtni



23, Rutland House,
Croxteth Drive,
Liverpool 17,
England.

*Dear Father,*

*I visited your beautiful Shrine of "Ta' Pinu" with Mr. McDonald from Mancunia Travel in February, and bought some medals and received one little Holy Picture of Our Lady of Assumption.*

*I gave a medal to a young man who was very sick. He was a soldier and was in hospital having treatment. Something in the treatment was causing blood clots and affecting the bone marrow. But now after receiving the medal he is perfectly well. He said now he believes in miracles. Father, I am enclosing a few pounds. Could you kindly send me a few medals, and also some of those beautiful pictures, small ones, with the prayer on the back. I met you in the church when we visited it. I want my friends to know of Our Blessed Mother in Gozo.*

*Yours very sincerely in Jesus and his Blessed Mother. Hoping to return someday.*

***Mrs. R. Lees.***

**GHAWDEX:**

Franġiska Sultana; Maria Calleja; Joe Mizzi; Frankie Spiteri; Alfred Borg; M. Farrugia; Rose Falzon; Antonia Grech; Margaret Attard; Connie Sultana; Alfred Sultana; Pawlu Formosa; Anġolina Theuma; Katerina Mercieca; Susanna Cassar; Rita Cassar; M'Rosa Agius; Toni Muscat; Michael Fiteni; Teddy Cremona; John Muscat; Rose Camilleri; Vitoria Xuereb; Anna Xuereb; Teddy Grech; Salvu Grima; Ġorġ Pisani; Marianna Muscat; M'Jane Debono; Maria Xuereb; Nathalie Apap; Pawlina Vella; Pawla Sacco; Rosa Attard; Wiġi Grech; A. Grech; Ġużeppa Azzopardi; Frank Azzopardi; Joe Meilak; Francis Jean Borg; Carmela Camilleri; Mary Jane Apap; Carmen Gatt; Maria Attard; Pawlina Farrugia; Michael

Attard; Emmanuel Attard; Stella Aquilina; Ċensa Saliba; Ġużeppa Gauci; Rita Buhagiar; John Cini; Catherine Pace; Bernarda Zammit; Manwel Zahra; Vicky Agius; Tonina Pace; Victoria Refalo; Tonia Sultana; Marinton Camilleri; Toni Camilleri; Victor Muscat; Reġina Aquilina; Maria Tabone; Karmena Sultana; Mary Camilleri; Natalina Said; Rita Tabone; Maria Portelli; Manwel Saliba.

**MALTA:**

Edward Avallone; Salvu Muscat; Josephine Cachia; Alfred Borg; John Vella; Rita Zammit; Carmen Attard; Wilfred Dark; Maria Borg; Carmen Cauchi; Tereża Cauchi; Marianna Fenech; Mary Cachia; Assunta Annati; Maria Cauchi; Carmen Casha; Vincenzo Sammut; Carmen Xerri; O. Cassar; Agnes Saliba; Mary Abela; Charles Mercieca; Maria Vella; Rita Vella; Doris Gauci; Familja Debono; Frans Magro; Jane Xuereb; Josephine Sammut; Michael Grech; Martina Vella; Kathy Cutajar; Sam Falzon; Margaret Falzon; Doreen Scicluna; Joseph Turban; Antonia Formosa; Carmen Degabriele; Mario Theuma; Charlie Debono; Robert Bonnett; Alex Azzopardi; John Farrugia; Mary Cremona; Rosina u Angela Grima; Louis Micallef; Imelda Micallef; Tereża Micallef; Carmen Galea; M'Anne Fenech; Dun Ġwann Dimech.

**AWSTRALJA:**

Doris Axiaq; Duminku Sant; Joan Attard; Maria Costa; Mikelina Mifsud; Maria Attard; Carmen Tabone; Sammy Parnis; Rose Xuereb; Ewkaristiku Xiberras; Joe Buhagiar; Rita Galea; Joseph Xerri; Joe Attard; Joe Vella; Tonina Refalo; Mr. & Mrs. Grech; Joseph Spiteri; Rose Sultana.

**INGILTERRA:**

Mrs. Cotter; J. Bate; M. Lowel; Victoria Gibson; Antoinette Galea.

**KANADA:**

Mary Pauline Portelli; Mary Buttigieg; Edward Vingris; Carmen Gauci; Janet Bins; Rita Farrugia; Mary Camilleri.

**U.S.A.**

Stella Camilleri; Rose Portelli.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

Can. Antonio Refalo; Mons. Carmelo Xuereb; Can. J. Grech; Rev. Philip Gatt; Rev. Sav. Curmi; Saċ. Joseph Carabott; Dun Ġorġ Mercieca; Don Nicola Longobardo; Don Salvatore Esposito; Fr. Anthony Caruana SDB; Dun Salv Mallia; Fr. Faustine Ellul; Fr. Carmel Curmi; Can. Spiridione Sammut; Fr. Joe Caruana OFM; P. Francesco Azzopardi OFM Cap.; Can. Salv Camilleri; Fr. Raymond Bugeja MSSP; Fr. Carmel Pace MSSP; Fr. Marcell Portelli MSSP; Fr. Elias Vella MSSP; Can. Cant. V. Ciappara; Fr. Carm Gatt; Fr. Gius. Caruana; Fr. Joseph Warrilow OSB; Dun Ġużepp Cini; Dun Mikiel Attard; Fr. Bernard Mangion OFM Cap.; Fr. John Cassar Briffa; P. Stiefnu Scicluna OSA; Fr. John M. Hili; Dun Karm Borg; Fr. Franġisk S. Caruana O.Carm; Fr. Raymond Calleja; Fr. Anthony Mifsud; Rev. Raphael Gauci; Rev. Victor Soler; Saċ. Salv Fenech; P. Julian Sammut OFM; Saċ. Luciano Canolotti;

## MAGĦMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Marilyn bint Carmel Cauchi u Ġuża Buttigieg mix-Xewkija; Stellina bint Mario Grima u Josephine Mercieca mix-Xewkija; Maureen bint Raymond Farrugia u Emmanuela Muscat minn Għajnsielem; Christian bin Teddy Theuma u Mary Micallef mill-Għarb; Stefan bin Paul Pace u Josephine Axiak minn Sannat; Antonia bint Emmanuel Formosa u Ġuża Pace mill-Għarb.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Gregory Sultana u Lucy Vella minn Kerċem; Salvinu Mercieca mill-Munxar u Tessie Camilleri mill-Għarb; Victor Attard mix-Xagħra u Mary Camilleri min-Nadur; Ian Galea min-Nadur u Monica Abela minn Victoria; Carmel Buttigieg mix-Xewkija u Eugenia Xuereb minn Għajnsielem.

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA

Ruth Sultana — San Lawrenz; James Farrugia — Għasri; M'Anna Refalo — Awstralja; Charlie Azzopardi — Għasri; Josepha Vella — Kerċem; Mario Cefai — Żebbuġ; Joseph Michael Cauchi — San Lawrenz; Carmel Farrugia — B'Kara; Fabian Galea — Xagħra; Aldo Cini — Żebbuġ; Bernardette Pace — Xagħra; Joanne Camilleri — Għajnsielem; Josianne Mercieca; Samuel Attard — Għajnsielem;



**L-1986: SENA TAL-PAĊI**

*Sehem*

**Is-Santwarju Ta' Pinu**

*għall-kawża tal-*

**Paċi**



*Għin lis-*

## SANTWARJU TA' PINU

*biex jibqa' għal dejjem*

## OASI TAL-PAĊI

*fil-Gżejjer Tagħna*

***"Għeżież uliedi, agħmlu minn kollox, mela, biex is-Santwarji tal-Madonna afdati f'idejkom, isiru dejjem aktar postijiet fejn isir talb għall-paċi, għall-għaqda, għall-hena tal-bnedmin kollha u, fuq kollox, biex dawn jilqgħu l-Kelma t'Alla u jwettquha matul ħajjithom kollha; postijiet ukoll li kull min iżurhom jiltaq minnhom imħeġġeġ bid-deċiżjoni li jaħdem bil-qawwa tiegħu kollha għall-paċi tad-dinja u għall-għaqda tal-Knisja."***

*(Mill-Ittra tal-Papa Pawlu VI lir-Retturi tas-Santwarji Marjani fl-1 ta' Mejju, 1971).*

## INT UKOLL TISTA' TGĦIN LIS-SANTWARJU TA' PINU BIEX JILĦAQ DAN L-ISKOP QADDIS BILLI:

- Torganizza Pellegrinaġġi għas-Santwarju Ta' Pinu;
- Ixxerred u ssib abbonati ġodda għar-Rivista "Madonna Ta' Pinu";
- Torganizza rtiri u laqgħat ta' talb fis-Santwarju Ta' Pinu;
- Issir membru tal-"Pia Unjoni Madonna Ta' Pinu";
- Tieħu sehem fil-"Prayer Group Madonna Ta' Pinu".



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*